KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmienja u Ħamsin (58)***

***It-Tnejn, 13 ta' Frar, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

## 58.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji

58.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

58.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 li nżammet nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023.

58.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

58.2.3 **Mozzjoni 58-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 57.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Minuti Numru 57 ġew approvati unanimament.

## 58.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 58(08) – Frar 2023*

58.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 58(08) permezz cheque numru 7211 (ref. 10681) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10671 sa 10703 li jammontaw €25,019.58

58.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-kontijiet tal-Perit li kellna li l-Kunsill irċieva din il-ġimgħa. Il-Kunsill qabel li wara li jiġu ċċekjati jistgħu jitħallsu. Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar li jista' jkun hemm xi pagamenti pendenti ta' meta kienu saru l-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll ta' Santu Rokku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tikkonferma mal-Perit, iżda hu informa li fadal biss xi kontijiet tal-inġinier fuq il-proġett tal-bandli.

58.3.2 **Mozzjoni 58-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 58(08) bl-ammont ta' €25,019.58

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 58(08) ġiet approvata unanimament.

**58.4 Approvazzjoni tar-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena 2022**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda virtwalment l-Accountant tal-Kunsill*

58.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena 2022

58.4.2 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena 2022

58.4.3 Għaldaqstant is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena 2022

**Mozzjoni numru 58-03:** Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Mozzjoni Numru 58-03 ġiet approvata unanimament .

**58.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2022**

58.5.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fl-Unaudited Financial Statements 2022.

58.5.2 Tressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-Unaudited Financial Statements 2022

**Mozzjoni numru 58-04:** Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Mozzjoni Numru 58-04 ġiet approvata unanimament .

**58.6 Approvazzjoni tal-Budget 2023**

58.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Budget għas-Sena 2023

58.6.2 Wara li ġew spjegati il-figuri u l-proġetti kollha ppjanati għal din is-sena, tressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat il-Budget 2023

**Mozzjoni numru 58-05:** Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Mozzjoni Numru 58-05 ġiet approvata unanimament .

**58.7 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv tas-sena 2022**

58.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2022 fejn ġie mqassam minn qabel lill-membri kollha.

58.7.2 Wara diskussjoni qasira dwar il-kontenut, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv tas-sena 2022

**Mozzjoni numru 58-06:** Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Mozzjoni Numru 58-06 ġiet approvata unanimament .

## 58.8 <u>Korrispondenza</u>

58.8.1 Tressqet korrispondenza mingħand il-Greenpak dwar l-installazzjoni ta' CCTV fi Triq il-Barbazzal għall-iBINs. Il-Kunsill qabel li l-cameras isiru solar.

58.8.2 Tressqet kwotazzjoni sabiex issir camera solar fi Trejqet Santu Kristu. Il-Kunsill approva li ssir.

58.8.3 Il-Kuntrattur tal-knis bagħat korrsipondenza rigward bidla fir-rati tal-ħlas tal-istreet sweepers skond Cirkulari tal-Kuntratti Numru 04/2023. Minħabba li r-rata fit-tender hija inqas, tressaq addendum fejn ir-rata minn €7.37 tiġi €7.54 (skond iċ-Ċirkulari). Il-Kunsill approva unanimament.

58.8.4 Rigward Triq Dun Guzepp Demicoli, irċevejna l-Permess minn IM li se jinbdew ix-xogħlijiet sabiex issir it-triq. Il-Kunsillier Keith Fenech talab li meta jkunu se jsiru xi xogħlijiet fuq toroq kbar fil-lokal, għandhom jittellgħu Kunsill u jiġu diskussi il-proposti. Hu qal li ma jaqbilx mal-parking spaces li saru fi Pjazza San Filippu fin-nofs. Is-Sindku qal li hu tkellem direttament mal-Perita ta' IM u il-parkings saru minħabba t-talba kontinwa dwar nuqqas ta' parking spaces. Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li affarijiet bħal dawn għandhom jiġu diskussi fil-Laqgħa tal-Kunsill qabel isiru.

58.8.5 Tressaq permess ieħor għal xogħlijiet li se jsiru mill-WSC fi Triq Tal-Barrani, Triq iż-Żejtun u Triq Għar Dalam fejn f'xi ħinijiet tista' tingħalaq ukoll it-triq.

58.8.6 Tressqet talba għal ħsarat ta' *tyre*, ma bankina fejn kien hemm sprall maqlugħ. Il-Kunsill ma jaqbilx li għandu jingħata rifużjoni tal-ħsarat minħabba li dan l-isprall qiegħed f'ġenb ta' bankina fejn il-karozzi mhux suppost jieqfu. Il-ħsarat fuq dan l-isprall se jiġu rranġati.

58.8.7 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-applikazzjoni għall-fondi tal-Aġġustament, fejn qed jiġi propost li b'dan il-fond jinbidlu t-tabelli tat-toroq, kif ġie ssuġerit fil-laqgħa li għaddiet. Dwar dan il-Kunsill qabel.

58.8.8 Tressqet kwotazzjoni sabiex tinbidel is-sistema tal-live streaming għall-sistema iktar modernizzata u jkun inkluż ukoll is-servizz tal-on demand. Dwar dan il-Kunsill qabel.

58.8.9 Tressqet korrispondenza mingħand l-Ombudsman fejn qed jitolbu kjarifika dwar il-każ ta' ħsarat li saret fuq vettura ma bollard fi Triq il-Milwa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-persuna infurmat li l-bollard ma saritx mill-Kunsill u li l-Kunsill m'għandux

informazzjoni min waħħalha. Il-Kunsill qabel unanimament li m'għandux iħallas tal-ħsarat li saru minħabba r-raġunijiet imsemmijin iktar qabel. Il-Kunsill bagħat ukoll lill-Transport Malta sabiex ituna l-approvazzjoni sabiex tinqala' l-bollard u infurmajna ukoll li l-Kunsill huwa lest li jibgħat ħaddiem minn tiegħu sabiex tinqala' iżda risposta mingħand Transport Malta għadha ma ingħatatx. Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li jekk il-Kunsill jaf li din hija bla permess għandha tinqala' immedjatament. Il-Kunsill qabel li titneħħa.

58.8.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li minħabba l-ammont ta' xogħol minħabba l-proġetti li l-Kunsill hu kommess li jwettaq fis-snin li ġejjin u l-fatt li r-residenti dejjem qed jiżdiedu, tissuġerixxi li tinħareġ call għall-persuna li tista' tassisti fi Proġetti relatati ma' fondi ewropej kif ukoll proġetti oħra u procurement. Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li tinħareġ sejħa għall-persuna fuq bażi full time u jiġi kkunsidrat ukoll reduced hours. Se naraw naqa fuq liema skala tista' tinħareġ u nitkellmuha fil-laqgħat li jmiss.

## 58.9 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

58.9.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-proġett tal-picnic area fi Triq l-Andar fejn wara diskussjonijiet, ġie kkonfermat li l-applikazzjoni għal dan il-proġett tista' tkun eliġibbli għall-fondi relatati ma Project Green. Minħabba li l-applikazzjonijiet jagħlqu fit-28 ta' Frar, il-Kunsill qabel unanimament li jinżamm l-istess perit biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk dawn il-fondi jingħataw u jkun se jitkompla l-proġett, il-Kunsill għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex il-proġett ikompli jitwettaq mill-istess perit.

58.9.2 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li wara Triq Dun Guzepp Demicoli se ssir Triq iċ-Ċimiterju. IM qegħdin jitolbu l-Kunsill sabiex isir disinn tal-pjazzetta li hemm u fid-disinn ninkludu ukoll skip. Dwar dan il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel d-disinn.

58.9.3 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Primary Health qalu li hemm problema biex titwaħħal nappy changer. Il-Kunsill qabel li jara fejn tista' titpoġġa' u nixtru waħda fuq stand.

58.9.4 Is-Sindku Darren Abela qal li minħabba Project Green, se tkun qed tinbidel il-BOQ mill-Perit sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti mitluba fl-applikazzjoni. Meta tkun lesta l-BOQ din se tiġi mgħoddija lill-Kunsilliera kollha.

58.9.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar Triq Maestro Felix Atanasio, fejn xtaq jikjarifika dak li ġie deċiż f'laqgħat preċedenti. Rigward it-talba għall-bankina fl-imsemmija triq, il-Kunsill kien qabel li jekk issir bankina fit-triq, se jingħalaq l-aċċess, għaldaqstant il-bankina m'għandix ssir. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

58.9.6 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq San Mikiel saret road hump bil-konkos quddiem għalqa bil-konsegwenza li qed toħloq inkonvenjent lil sid l-agħalqa ta' ħdejh minħabba li l-ilma qed imur għandu. Is-Sindku propona li r-*road hump* issir fejn ix-xatba li jiġi fil-

propjeta’ tiegħu. Il-Kunsill qabel li tinbgħatlu karta biex fi żmien ħmistax jaqlaha, jekk ma titneħħix jaqlaha l-Kunsill u jibghatlu l-kont tal-ispejjeż.

58.9.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-problema tad-*double yellow lines* fi Triq il-Wilġa. Il-Kunsill qabel li fuq dan il-każ għandu jitlob lill-TM pjan ta’ kif jistgħu isiru l-parking bays fit-triq kollha u Triq il-Wilġa isir parking fuq naħa waħda u mhux isiru d-double lines għal individwu wieħed biss.

58.9.8 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-proġett tal-Pjazza fejn il-Kunsill qabel li l-aħjar li niltaqgħu magħhom sabiex nerġgħu nikkonfermaw kemm il-Pjanti u anki l-proposta’ tagħhom li l-Kunsill s’issa għadu ma rċeviex.

58.9.9 Is-Sindku Darren Abela qal li għal Karnival il-Każin ta’ Santa Marija kif ukoll ta’ San Guzepp se jarmaw bar fil-Pjazza filwaqt li l-Każin tal-Labour jista’ jarma’ bar mill-bankina tal-lukanda il-ġewwa.

58.9.10 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex it-Telephone Box li hemm fejn il-Kunsill isirulha xkaffar u issir Librerija. Se niċċekjaw ftit fuqha biex naraw min jieħu ħsiebhom.

58.9.11 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq Għar Dalam. Il-Kunsill approva.

58.9.12 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsir Bus Shelter temporanju fi Triq il-Bizzilla. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li jekk jiġri xi ħaġa l-Kunsill se jinżamm responsabbli għalihom.

58.9.13 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fl-isqaq Numru 4 (Ta’ Wiġi), Triq Santa Marija jitpoġġew erba’ pots tal-plastic. Il-Kunsill qabel.

58.9.14 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand il-Kappillan sabiex isiru cameras fid-daħla taċ-Ċimiterju. Il-Kunsill qabel li meta l-Kunsill jagħmel użu mis-sala, u bil-ħlas tiegħu jingħataw biex isiru l-cameras.

58.9.15 Is-Sindku Darren Abela qal li biex isiru x-xoghlijiet fi Triq Ħas-Saptan hemm bżonn ingibu iktar kwotazzjonijiet.

58.9.16 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta biex Triq San Filippu issir tabella biex ma jghaddux trakkijiet kbar. Minħabba li dik hija l-unika triq minn fejn jgħaddu tal-linja u anki vetturi kbar, il-Kunsill ma qabilx.

58.9.17 Is-Sindku Darren Abela qal li l-IM se jkunu qegħdin jagħmlulna s-sodda għall- pavimentar tal-isqaqin. Il-Kunsill qabel li jġib stima tal-prezzijiet biex nikkalkulaw kemm il-Kunsill jista' jagħmel sqaqin u tiġi diskussa fid-dettal fil-Laqgħa li jmiss.

58.9.18 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar Jum Ħal Għaxaq u il-Kunsill qabel li tiġi diskussa fid-dettal fil-Laqgħa li jmiss.

**58.10 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

58.10.1 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li minħabba li l-Każin ta' San Ġużepp se jarmaw iktar arbli fil-Karnival il-Kunsill għandu jipproponi ħlas addizzjonali. Il-Kunsill qabel li jitħallsu €250 addizzjonali.

58.10.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli ġibdet l-attenzjoni li t-turf tal-bandli l-ġdid qed jinqala'. Il-Kunsill qabel li jara x'hemm ħsarat.

**58.11 Mozzjonijiet**

58.11.1 Annessi mal-Minuti

**58.12 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

58.12.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 58**

**Mozzjoni Ref:** 58-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 57

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Keith Fenech**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 13 ta' Frar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 58**

**Mozzjoni Ref:** 58-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagament Nru 58/08

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 13 ta' Frar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 58**

**Mozzjoni Ref:** 58-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena sa Diċembru 2022

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 13 ta' Frar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 58**

**Mozzjoni Ref:** 58-04

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvatu l-Unaudited Financial Statements 2022

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 13 ta' Frar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 58**

**Mozzjoni Ref:** 58-05

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat il-Budget għas-sena 2023

**Rose Agius**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

---

**Data:** 13 ta’ Frar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 58**

**Mozzjoni Ref:** 58-06

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2022

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta' Frar 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**